# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## SEDUTA NRU 304 – It-Tnejn 13 ta' Lulju, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 303 u ikunu approvati bħala dokument korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Tiġdid tal-Website**

Is-Sindku qal li l-offerta kienet se terġa' toħroġ.

**2.2 Arbli fit-Triq tal-Bajjada li tagħti għall-Fawwara**

Is-Sindku qal li l-protest ġudizzjarju kien se jiġi ppreżentat fil-jiem li ġejjin. Hu qal li wara żjara li għamel fuq is-sit, instab li n-numru tal-arbli tela' għal 59.

**2.3 Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li matul din il-ġimgħa se ssir laqgħa mal-Perit biex jitlestew il-pjanti neċessarji (ara 4.2)

**2.4 Direzzjoni tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq L-Imqabba**

Is-Sindku qal li l-iskema ġdida ta' traffic management għadha trid titħejja biex tkun tista' tinbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

**2.5 Rinovazzjoni tal-Playing Field fi Triq Pietru Felici/Triq Dr N Zammit**

Is-Sindku qal li minħabba li l-MEPA talbet li jsiru xi tibdiliet fil-pjanti, l-laqgħa ta' informazzjoni mar-residenti li kellha ssir It-Tlieta 14 ta' Lulju se tkun posposta sakemm jitħejjew il-pjanti l-ġodda.

**2.6 Talba lil TM dwar Bur il-Kbir**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tweġiba ta' TM għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill dwar din il-materja kienet li "din it-triq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u kwalunkwe intervent, inkluż it-twessiegħ u esproprazzjoni ta' dan it-twessiegħ jaqgħu wkoll taħt ir-responsabbiltà tal-istess kunsill."

**2.7 Tiswija ta' triq rurali fis-sit magħruf tad-Dnat**

Is-Sindku qal li kien se jmur mal-Perit biex jaraw jekk parti minn din it-triq tkunx tista' tingħata bil-konkos.

**2.8 Infurzar mill-Green Wardens**

Is-Sindku qal li bi ftehim mar-Reġjun, dan l-infurzar se jitkompla mhux biss f'toroq rurali imma anki f'żona urbani.

**2.9 Tismija ta' Toroq**

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li ż-żona li fiha hemm is-sit imsejjaħ L-Arka ta' Noe', hija magħrufa bħala "Bur ix-Xewk". Il-Kunsillier Clayton Cutajar ippropona għalhekk li ssir talba biex it-triq tissemma b'mod uffiċjali "Triq Ta' Bur ix-Xewk". Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.10 Talba għall-ħaddiema tal-IPSL

Is-Sindku qal li t-talba kienet saret billi intbagħtet email lic-Chairman is-sur Lawrence Mizzi.

### 2.11 Double Yellow Line fi Triq San Ġakbu

Is-Sindku qal li kellu diversi ilmenti li l-iscammel laqat xi faċċati tad-djar. Għalhekk iridu jsiru arrnġamenti ġodda tas-sinjali u tat-traffiku.

## 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.2 Rapport tad-Dħul u ħruġ finanzjarju Jannar-Marzu 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rapport tad-dħul u l-ħruġ finanzjarju għal Jannar – Marzu 2015. Dan juri żbilanċ li mistenni jiġi rkuprat fit-tieni kwart tas-sena.

## 4 HWEJJEĠ OHRA

### 4.1 Ilmenti u proposti waqt is-seduta

Is-Sindku appella lill-kunsilliera li meta jkollhom ilmenti jew talbiet żgħar bħalma huma sinjali tat-traffiku u/jew talbiet oħra bħalma huma mirja, eċċ., u li m'humiex ta' natura kontroversjali, m'hemmx il-ħtieġa li dawn jitressqu fis-seduta, imma jiġu rappurtati lill-Customer Care Officer jew lis-Segretarju Eżekuttiv. Meta dan tal-aħħar ikollu xi ħtieġa ta' kjarifika għandu jikkomunika mas-Sindku.

### 4.2 Proposta biex Triq Kircher issir one-way

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ippropona li biex jitnaqqas il-periklu l-imsemmija triq issir one-way bl-aċċess għaliha jsir biss minn Triq Mons. Mikel Azzopardi. Is-Sindku issekonda filwaqt li qal li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Kircher u Ta' Brandin.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Rapporti dwar l-istat ta' Triq l-Imqabba

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu qed jidħlu diversi ilmenti dwar l-istat ħażin tal-imsemmija triq, b'mod partikolari fil-bidu tagħha. Is-Sindku qal li għandna niktbu lil TM dwar din il-materja.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandha tiġi studjata l-possbilità li din il-parti fejn qed iċċedi t-triq titħaffer u ssir bhil-konkos imbagħad jerġa' jingħata t-tarmac.

**4.4 Vetturi tal-Linja startjati fil-pjazza**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand l-Ombudsman dwar din il-materja. Is-Sindku qal li għandna nikkunsidraw li ssir *bye law* biex vetturi kbar jitwaqqfu milli jibqgħu starjati fil-pjazza. Dan għandu jiġi ikkomunikat lill-Ombudsman.

**4.5 Talba mill-Għaqda Kulturali Siġġiewi**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kellu talba mingħand il-President tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi, Dund Nikol Aquilina, biex il-Kunsill jibda jissusidja t-trasport għall-attivitajiet tal-imsemmija għaqda.
Is-Sindku wieġeb li skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali din l-għajnuna ma tistax tingħata. Dan barra li toħloq problemi mal-għaqdiet l-oħrajn kollha.

**4.6 Triq Manwel Bonnici**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li minħabba parkeġġ ta' trakk f'parti f'din it-triq, xi residenti qed isibuha diffiċli li jimmanuvraw il-vettura tagħhom. Is-Sindku qal li jekk isir tindif tal-parti partikolari tat-triq, il-problema għandha titaffa.

**4.7 Ambaxxatur/ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ**

Il-Kunsillir Clayton staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar din il-materja. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jiddiskutiha mal-Kunsill ġdid taż-Żgħażagħ. Huwa appella biex jekk hemm xi kunsilliera li għandhom suġġerimenti ta' persuni jgħadduhomlu mill-aktar fis.

**4.8 Talba għal aktar bankijiet f'Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar talab biex jitwaħħlu aktar bankijiet biswit il-Bleu Creek. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja jekk baqax bankijiet li kienu nqalgħu minn Triq FX Mangion

**4.9 Festa Ħut**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għall-Festa Ħut li se tkun organizzata s-Sibt 25 ta' Lulju, se tintuża biss il-parti ta' isfel tal-Pjazza iġifieri minn quddiem il-Knisja ta' San Ġwann sal-Istatwa ta' San Nikola. Dan ifisser li t-traffiku jkun jista' jgħaddi mill-parti ta' fuq tal-Pjazza għal Triq il-Qajjied u lura.

**4.10 Żjara Edukattiva għat-Tfal fil-Kumpless ta' Sant'Antnin tal-Wasteserv**

Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Dominic Grech qalu li wara laqgħa li kellhom ma' uffiċjal tal-Wasterv, kienu qed jipproponu li ssir ħarġa edukattiva għat-tfal li qed jattendu l-korsijiet tas-sajf organizzati mill-Kunsill fil-kumpless ta' Sant'Antnin. Din se ssir fit-2 ta' Settembru. Huma talbu li l-Kunsill jissusidja t-trasport.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.11 Mobile application dwar waste management**

Il-Viċi Sindku qalet ukoll li kellhom laqgħa ma' student u lecturer fil-Fakultà tal-ICT fl-Università ta' Malta dwar *mobile application* li ġiet żviluppata u li tinkludi informazzjoni dwar il-*bring in sites* kif ukoll *waste management tips*. Ġie

suġġeriet mill-Viċi Sindku li dan l-istudent iġib l-permessi meħtiega mill-Università biex din il-*mobile application* żviluppata għat-teżi tiegħu tiġi utilizzata mill-Kunsilli Lokali. Issuġeriet ukoll li jiddiskuti mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi l-possibilità ta' proġett pilota biex din il-*mobile application* sservi bħala għodda ta' informazzjoni u edukazzjoni ambjentali.

**4.12 Talba mis-sur Mario Farrugia dwar ċint ta' għalqa fi Triq Lapsi**

Wara sospensjoni tas-seduta biex jinstema' l-ilment tas-sur Mario Farrugia dwar *retaining wall* tal-għalqa tiegħu fi Triq Lapsi, is-Sindku qal li l-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda *commitment* li jirranġa hu dawn il-ħsarat. Transport Malta mhux l-ewwel darba li irranġat ħsarat simili u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex mill-ġdid jerġa' jikkomunika ma' TM dwar din il-materja.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-6.15pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 305 titlaqqa' **it-Tnejn, 3 t'Awwissu fis-7.00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 3 t'Awwissu, 2015**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 304**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 25/6/15-16/7/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | waste collection ltd | 4079.53 | 4079.53 | t | pf | collection of waste June15 | 30.6.15 | 0 | lcs12/13 | | 3041 | 10894 |
| 2 | waste collection ltd | 204.00 | 204.00 | t | pf | extra collection 23/6/15 | 30.6.15 | 0 | lcs12/13 | | 3041 | 10894 |
| 3 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting june15 | 29.6.15 | 43 | lcs18/12 | | 3061 | 10896 |
| 4 | daniel cutajar | 683.24 | 683.24 | t | pf | bulky june15 719.20-35.96mf | 30.6.15 | 30 | lcs14/12 | | 3042 | 10897 |
| 5 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban june15 | 2.7.15 | 30 | lcs10/14 | | 3052 | 10898 |
| 6 | natasha mizzi | 519.00 | 519.00 | k | pf | cleaning council premises june15 86.5hrs | 1.7.15 | 06/15. | | | 3055 | 10901 |
| 7 | jacap | 889.72 | 889.72 | d | pf | grabrailing | 25.6.15 | 66008 | | po77/15 | 7210 | 10889 |
| 8 | preca library | 100.00 | 100.00 | d | pf | book token | 17.5.15 | 1640/1641. | | | 2995 | 10890 |
| 9 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | street sweeping june15 | 1.7.15 | 29 | | | 3051 | 10895 |
| 10 | ronald bezzina | 1150.00 | 1150.00 | t | pf | extra cleaning festa | 1.7.15 | 29 | | | 3051 | 10895 |
| 11 | yellow pages | 49.56 | 49.56 | d | pf | booking of advert | 15.7.15 | 46180 | | | 2940 | 10900 |
| 12 | manythings | 25.00 | 25.00 | d | pf | desk fan | 16.7.15 | 29862 | | | 2330 | 10890 |
| 13 | doi | 18.64 | 18.64 | d | pf | advert kiosks gov gazette | 14.7.15 | 14.7.15. | | | 2940 | 10891 |
| 14 | roberto runza | 40.00 | 40.00 | d | pf | photos gurament | 5.5.15 | 909 | | | 2930 | 10892 |
| 15 | roberto runza | 80.00 | 80.00 | d | pf | photos dun mikiel azzopardi 17/6/15 | 23.6.15 | 921 | | | 2930 | 10892 |
| 16 | roberto runza | 40 | 40 | d | pf | photos exhibition nikola zammit 28/6/15 | 3.7.15 | 924 | | | 2930 | 10892 |
| 17 | k.aquilina | 751.12 | 751.12 | d | pf | sms notifications to residents receipts pro | 12.6.15 | | | | 2910 | 10893 |
| 18 | doi | 27.96 | 27.96 | d | pf | advert website 9/6/15 | 16.7.15 | | | | 2940 | 10891 |
| 19 | many things | 61.98 | 61.98 | d | pf | 2 fans | 17.7.15 | 29932/29931. | | | 2330 | 10899 |
| 20 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€18,079.75** | **€18,079.75** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,079.75** | **€18,079.75** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 304 tal-13/7/15**

Kunsillier